## KAPPELLI U KNEJJES ŻGĦAR FIL-MOSTA:

# IL-KNISJA TA' SANTA MARGERITA

*minn Tony TERRIBILE*



F'din is-sensiela li fiha qegħdin nagħtu tagħrif dwar il-knejjes żgħar tal-Mosta llum ser nitbiegħdu ftit miċ-ċentru prinċipali ta' dan ir-raħal u mmorru fl-inħawi ta' Santa Margerita. Sa ftit taż-żmien ilu, dawn l-inħawi kienu kollha raba' u blat għeri, iżda llum le, għax kibru ħafna u bosta Maltin għamlu hawn ir-residenza tagħhom. F'nofs dan il-bini bajdani tiddomina knisja qadima li l-qaddisa patruna tagħha, Santa Margerita, tat l-isem lil dan il-post.

Din il-knisja hi mdawra b'medda art kbira ħafna b'ħajt tas-sejjieħ li jifred din l-art mill-bqija tat-triq u l-blat li fadal. Din il-wesgħa art fiha bosta siġar ta' l-olejandru u awrikarja li qegħdin jagħmlu dan il-kwadru iktar ikkulurit. Biex wieħed jidħol f'din il-wesgħa, jrid jgħaddi minn grada tal-ħadid b'simbolu ta' ruħ fuqha biex tfakkarna li taħt dik l-art ta' madwar il-knisja, hemm midfuna bosta vittmi tal-pesta tal-1592.

F'dik is-sena, Malta ntlaqtet minn dan il-flaġell u l-bosta vittmi li kienu joqogħdu fl-inħawi ndifnu hawn, 'il barra mill-Mosta u n-Naxxar. Din il-knisja kien ilha żmien twil teżisti, tant hu hekk li meta fl-1575. Mons. Dusina żar dawn l-inħawi, nviżta l-knisja ta' Santa Margerita. Wara l-pesta, kienet saret ċentru ta' devozzjoni minħabba dawk l-imsejkna midfuna madwarha.

Fis-sekli li ġew wara, l-isqfijiet ta' Malta żaru din il-knisja u dejjem ikkummentaw li kienet miżmuma tajjeb min-nies ta' l-inħawi. Infatti fil-viżti pastorali ta' l-Isqof Molina (1680) u ta' l-Isqof Alpheran (1745) insibu kumment komuni li fl-1594 saret lapida kbira quddiem il-bieb maġġur b'tifkira tal-vittmi midfuna mad-dawra ta' din il-knisja. Fil-kwadru, barra l-Madonna, kien hemm ukoll Santa Margerita, Santu Rokku u San Bastjan - iż-żewġ qaddisin patruni tal-marda tal-pesta.

L-Isqof Molina jgħidilna li dawn l-inħawi kienu magħrufa ta' Wied il-Ħabel u jsemmi wkoll li Pawla Calleja - armla ta' Giacomo, minn Casal Ghadir - ħalliet il-ġid kollu tagħha b'risq din il-knisja. Mentri l-Isqof Alpheran jgħidilna li l-festa tal-qaddisin kienet tiġi ċċelebrata kull sena bil-kant tal-Vespri u l-Quddiesa kantata fl-20 ta' Lulju. Ikompli jiddeskrivilna din il-knisja u, barra li jitkellem dwar il-vittmi tal-pesta tal-1592, jgħidilna wkoll li flok ir-rixtellu tal-ħadid li nsibu llum, kien hemm bieb tal-injam, li l-altar kien imżejjen b'salib u sitt gandlieri u l-lampier barra li kien jinxtegħel fil-festa, kien ukoll jinxtegħel is-Sibtijiet kollha.



*Il-Kappella ta' Santa Margerita - knisja qadima f'żona moderna.*
*(ritratt: Ruben Chetcuti)*

Matul il-mixja tas-snin, din il-knisja għaddiet minn ħafna fażijiet u għamlet żmien twil mitluqa, iżda llum le. Mir-restawr li sar f'dawn l-aħħar snin, ħarġet is-sbuħija



*Dehra tal-Kappella ta' Santa Margerita li turi l-qedem tagħha.*
*(ritratt: Ruben Chetcuti)*



*Il-Kwadru oriġinali tal-Kappella ta' Santa Margerita li llum jinsab fis-Sagristija tar-Rotunda.*
*(ritratt: Al. Briffa)*

oriġinali tas-saqaf qadim u llum il-kwadru oriġinali ttieħed il-parroċċa, biex postu ħadu kwadru kopja tiegħu. Ħasra li fis-snin mgħoddija l-altar oriġinali nqala' u tpoġġa dak li hemm illum, li kien inġab minn Ħ'Attard. Minkejja li hu sabiħ, kif inhi sabiħa l-prospettiva ta' fuqu, ma jaqblux ma' l-istil ta' din il-knisja qadima.

Ħasra wakoll li fl-imgħoddi nbidlet l-art ta' din il-knisja. Iċ-ċangatura oriġinali tneħħiet biex sar il-madum li naraw illum il-ġurnata. Kien żball ieħor li tellef is-sbuħija oriġinali ta' din il-knisja - waħda mill-eqdem li nsibu fil-Mosta.


# Żammit Antiques

BUY & SELL

**Mahogany and Pine Furniture,**
**Brass Beds, Chandeliers, Clocks,**
**Mirrors, Glass Domes, Paintings, etc**

VIEWING BY APPOINTMENT

***GILDING AND RESTORATION SERVICE ALSO PROVIDED***

Eucharistic Congress Road, Mosta - Tel: 432056